# Benefatturi Tal-Knisja ta' Għajnsielem

**Lorenzo Zahra**

Min jersaq lejn il-Gżira ta' Għawdex, meta jkun għadu riesaq lejn il-gżira minn fuq il-baħar jilmaħ id-dehra ta' l-Imġarr, bit-tempji Marjani ta' Għajnsielem, dak tal-Madonna ta' Lourdes u dak tal-Madonna ta' Loreto. Il-lum b'dawn iż-żewġ tempji sbieħ, xhieda tal-qima lejn l-OMM t'Alla (Mater Dei) li l-Għawdxin dejjem kellhom huma ġa l-isbaħ rigal li joffru lil kull visitatur.

It-tempju ġdid ta' Loreto, manifiku fil-għamla arkitettonika tiegħu b'dak il-Kampnar għoli, jserdaq lejn is-sema donnu jrid juri li hawn huwa is-Santwarju li għandek iżżur. Tempju li n-nies ta' Għajnsielem bnew b'sagrifiċċju mhux żgħir, imma llum komplut u mżejjen ukoll minn ġewwa. Fost il-qlub ġenerużi tat-tempju ewlieni u llum imsejjaħ "il-qadim" niltaqu' ma' żewġ persuni li kienu taw il-bidu għall-bini tal-Knisja ewlenija ta' Loreto wisq aktar minn 100 sena ilu.

Dawn kienu Indri Xuereb u ĠanMari Vella, iben Lorenzo min-Nadur. Ġanni Vella imqanqal mill-qima li kellu lejn il-Madonna beda billi rsista biex tinbena il-Knisja. Il-Knisja minkejja ċ-ċokon tagħha hija ta' ġmiel fil-għamla.

Dan ĠanMari mhux biss ħabrek u għen fil-bini ta' dik l-ewwel knisja f'Għajnsielem, imma wkoll b'ġidu kompla biex ix-xogħol jitkompla. Hu għamel kuntratt ta' għajnuna fl-24 ta' Lulju 1810 għand in-Nutar Franġisk Cassar li kellu uffiċċju ħdejn il-Knisja ta' San Ġorg fir-Rabat. ĠanMari mhux biss ħadem u ta l-ġid, imma ried ukoll jagħmel "Codiciella" jiġifieri jammenda l-kuntratt billi ried li minn xi elemosina żejda għall-Quddies li kien ħalla fin-Nadur belt twelidu, ried possibilment jittrasferixxi għoti ta' flus biex ix-xogħol tal-Knisja jitkompla.

B'dan il-kuntratt, ĠanMari kien talab ukoll is-sospensjoni ta' xi quddies li ġa kien ordna biex possibilment jgħaddi dan għall-bini tal-Knisja li tant kienet għal qalbu.

Kien għalhekk li ĠanMari Vella ressaq rikors li ġie mressaq minn Indri Xuereb li kien il-prokuratur tal-bini tal-knisja sabiex l-Isqof jagħti l-permess u jaqta' x-xewqa ta' dan il-benefattur ta' l-ewwel knisja ta' Loreto f'Għajnsielem.

J'Alla l-qlub kollha ta' Għajnsielem jibqgħu marbutin b'imħabba lejn il-Madonna LAURETANA.

*Ref: AAM Sup Vol 24 IV 512 (1831/3)*